LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 452.66

ORDNI TAL-KUNSILL TAL-PAGI GĦALL-LUKANDI U KAŻINI BIEX JIRREGOLA L-PAGI*

1 ta' April, 1990

L-AVVIŻ LEGALI 43 tal-1990, kif emendat bl-Avviżi Legali 427 tal-2007, 127 tal-2010, 362 tal-2012, 334, 444 tal-2013, 482 tal-2014, 5 tal-2016, 97 u 383 tal-2017, 104 u 351 tal-2019, 469 tal-2020, 464 tal-2021, 335 tal-2022,286 tal-2023, 341 tal-2024 u 288 tal-2025.

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Lukandi u Każini biex jirregola l-Pagi.

Applikazzjoni tal-Ordni.

2. Id-dispożizzjonijiet murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha li dwarhom il-Kunsill tal-Pagi għall-Lukandi u Każini jaħdem.

Limitazzjoni ta' applikazzjoni dwar il-Proġett Nru. 8.

3. Il-kliem "Il-ħinijiet tax-xogħol tal-apprendisti u dawk li jkunu qegħdin jitgħallmu mpjegati skond dan il-proġett ma għandhomx ikunu iżjed minn għaxar siegħat f'kull ġurnata lanqas il-perjodu tagħhom ta' mpieg iżjed minn tnax-il siegħa f'kull ġurnata" li hemm fil-paragrafu 7, u l-paragrafi 8, 9 u 10 tal-Proġett Nru. 8 dwar is-sejħa għal kok f'lukandi, każini, ristoranti u sptarijiet pubblikat bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 479 tal-1953 ma għandhomx japplikaw għall-dawk li jkunu qegħdin jitgħallmu mpjegati li dwarhom dan l-Ordni li Jirregola l-Pagi japplika.

L.S. 343.06

SKEDA

PARTI I

Emendata:
A.L. 427 tal-2007;
A.L. 127 tal-2010;
A.L. 362 tal-2012;
A.L. 334 tal-2013;
A.L. 444 tal-2013;
A.L. 482 tal-2014;
A.L. 5 tal-2016;
Emendata:
A.L. 97 tal-2017;
A.L.383 tal-2017;
A.L.104 tal-2019;
A.L.351 tal-2019;
A.L.464 tal-2021;
A.L.335 tal-2022;
A.L.286 tal-2023.
A.L.341 tal-2024;
A.L.288 tal-2025.

Applikazzjoni tal-Parti I.

1. Din il-Parti tal-Iskeda tapplika għall-impjegati f'lukandi, *guest houses*, kumplessi għall-btala, villaġġi turistiċi u appartamenti għall-btala li jkollhom liċenza.

Sigħat ta' xogħol.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 5, 6 u 7 ta' din l-Iskeda, l-anqas kumpens fil-ġimgħa għall-impjegati kollha li għalihom tapplika din il-Parti għandu jkun relattiv għal ġimgħa ta' mhux aktar minn -

(*a*) tlieta u erbgħin siegħa xogħol mifruxin fuq sitt ijiem

*Dan l-Ordni ġie mħassar bl-Avviż Legali 137 tal-2026.

għal massimu ta' tlettax-il ġimgħa li jittieħdu bejn l-aħħar ġimgħa ta' Ġunju u l-ewwel ġimgħa ta' Ottubru u disgħa u tletin siegħa xogħol mifruxin fuq ħamest ijiem għall-bqija tas-sena fil-każ tal-impjegati kollha minbarra għassiesa u mużiċisti;

(*b*) sittin siegħa xogħol fil-każ ta' għassiesa; u

(*ċ*) tletin siegħa xogħol fil-każ ta' mużiċisti.

L-anqas kumpens.
Emendat:
A.L. 97 tal-2017;
A.L.383 tal-2017;
A.L.104 tal-2019;
A.L.351 tal-2019;
A.L.469 tal-2020;
A.L.464 tal-2021;
A.L.335 tal-2022;
A.L.286 tal-2023;
A.L.341 tal-2024;
A.L.288 tal-2025.

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2, 5, 6 u 7 ta' din l-Iskeda, l-anqas kumpens fil-ġimgħa li jitħallas lil impjegati *whole-time* (li ma humiex għassiesa u mużiċisti), tal-età speċifikata fil-Kolonna 1 tat-Tabella li tinsab hawn taħt għandu jkun ir-rata xierqa murija fil-Kolonni 2, 3 jew 4 tagħha:

RATI FIL-ĠIMGĦA			
Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4
Età	Meta prinċipal jipprovdi ikla waħda prinċipali kuljum	Meta prinċipal jipprovdi żewġ ikliet prinċipali kuljum	Meta la l-kolonna 2 lanqas kolonna 3 ma japlikaw
Taħt is-17-il sena	€219.47	€218.07	€220.71
Ta' 17-il sena	€222.03	€220.64	€223.27
Ta' 18-il sena u aktar	€229.37	€227.97	€230.61:

Iżda l-Kolonna 2 jew 3 tapplika biss meta l-ikla jew l-ikliet ikunu provduti mill-prinċipal bi ftehim mal-impjegat.

(2) L-inqas kumpens fil-ġimgħa li jitħallas lill-għassiesa jkun kif ġej:

(*a*) għassiesa li x-xogħol tagħhom isir prinċipalment ġewwa €230.61;

(*b*) għassiesa li x-xogħol tagħhom isir prinċipalment barra ..... €232.93.

(3) L-inqas kumpens fil-ġimgħa li jitħallas lill-mużiċisti jkun €247.54.

L-anqas ħin ta' mistrieħ kuljum.

4. (i) L-impjegati *whole-time* kollha f'lukandi barra minn mużiċisti għandu jkollhom intervalli ta' mhux anqas b'kollox minn siegħa, għall-ikliet u mistrieħ f'kull ġurnata li fiha s-sigħat tax-xogħol ikunu aktar minn ħames sigħat u nofs.

(ii) Mużiċisti *whole-time* għandu jkollhom intervalli ta' mhux anqas b'kollox minn nofs siegħa għall-mistrieħ f'kull ġurnata.

L-anqas rata ta' sahra għal ħaddiema fil-manutenzjoni.

5. L-impjegati *whole-time* li jkunu fuq xogħol ta' manutenzjoni għandu jkollhom dritt għal kumpens ta' sahra kif ġej:

(*a*) għall-ħin kollu li jinħadem fil-Ħdud u fil-vaganzi tas-soltu ..... ħin doppju;

(*b*) għall-ħin kollu li jinħadem f'kull ġimgħa li jeċċedi s-sigħat murijin fil-paragrafu 2(*a*), mhux magħdud il-ħin li jitħallas b'rati ta' sahra ..... ħin u nofs:

Iżda f'kull ġimgħa li tinkludi vaganza tas-soltu, għandha

titħallas sahra għal xogħol li jeċċedi sitta u tletin siegħa għal massimu ta' tlettax-il ġimgħa bejn l-aħħar ġimgħa ta' Ġunju u l-ewwel ġimgħa ta' Ottubru fil-każ ta' impjegati mħaddma għal ġimgħa ta' sitt ijiem u wieħed u tletin siegħa u kwart matul il-bqija tas-sena fil-każ ta' impjegati mħaddma għal ġimgħa ta' ħamest ijiem, mhux magħdud kull ħin imħallas bir-rata ta' sahra.

L-anqas rati ta' sahra għall-impjegati *whole-time* barra minn mużiċisti u dawk impjegati fuq xogħol ta' manutenzjoni.

6. L-impjegati *whole-time*, barra minn dawk impjegati fuq xogħol ta' manutenzjoni, ikollhom dritt għal kumpens ta' sahra kif ġej:

(*a*) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn seba' sigħat u kwart kuljum għal massimu ta' tlettax-il ġimgħa bejn l-aħħar ġimgħa ta' Ġunju u l-ewwel ġimgħa ta' Ottubru jew seba' sigħat u tlett kwarti kuljum matul il-bqija tas-sena ..... ħin u nofs;

(*b*) għall-ħin kollu li jinħadem li jeċċedi s-sigħat tax-xogħol fil-ġimgħa murijin fil-paragrafu 2(*a*), mhux magħdud xi ħin li jitħallas skond is-subparagrafu (*a*) ta' dan il-paragrafu ..... ħin u nofs:

Iżda impjegati jkollhom dritt għal kumpens ta' sahra għall-ħin kollu li jaħdmu aktar minn disgħa u tletin siegħa fil-ġimgħa jekk biss il-medja ta' sigħat f'sena kalendarja sħiħa tkun aktar mill-medja ta' erbgħin siegħa fil-ġimgħa;

(*ċ*) għall-ħin kollu li jinħadem f'xi jum ta' mistrieħ ..... ħin doppju;

(*d*) fil-każ ta' għassiesa:

(i) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn għaxar sigħat f'kull jum ..... ħin u nofs;

(ii) għall-ħin kollu li jinħadem fil-ġurnata ta' mistrieħ u vaganza tas-soltu ..... ħin doppju:

Iżda -

(i) id-Direttur jista' jawtorizza lil prinċipal bil-miktub biex iħallas sahra lil impjegati speċifikati, jew lil gruppi ta' impjegati, dwar biss is-sigħat ta' xogħol li jkunu iżjed mill-medja ta' tlieta u erbgħin siegħa jew disgħa u tletin siegħa fil-ġimgħa, skond il-każ, kalkolati fuq perjodu li jinkludi dak in-numru ta' ġimgħat konsekuttivi kif id-Direttur jidhirlu xieraq, u f'dak il-każ id-dispożizzjoni tas-sub-paragrafu (*a*) ta' dan il-paragrafu m'għandhiex tapplika;

(ii) is-sigħat ta' xogħol relattivament għal impjegat li jagħmilha ta' *night porter* f'xi ġurnata fi stabbiliment wieħed għandhom jinkludu biss nofs il-ħin inkluż fil-perjodu ta' rqad.

L-anqas rati ta' sahra għall-mużiċisti.

7. Mużiċisti *whole-time* għandu jkollhom dritt għal kumpens ta' sahra kif ġej:

(*a*) għall-ħin kollu li jinħadem li jeċċedi ħames sigħat f'kull ġurnata ..... ħin u nofs;

(*b*) għall-ħin kollu li jinħadem li jeċċedi tletin siegħa

f'kull ġimgħa ..... ħin u nofs;

(*ċ*) għall-ħin kollu li jinħadem fil-ġurnata tal-mistrieħ fil-ġimgħa ..... ħin doppju.

L-anqas kumpens għall-impjegati *part-time*.

8. (1) L-anqas rimunerazzjoni li għandha titħallas lill-impjegati *part-time* fil-kategoriji speċifikati fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda għandha tkun *pro rata* ta' kull siegħa li tinħadem billi jiġi diviż l-ammont li jidher għal kull kategorija, bin-numru ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa għall-kategorija relattiva.

(2) "Impjegat *part-time*" tfisser impjegat li s-sigħat normali ta' xogħol tiegħu, kalkolati fuq bażi ta' ġimgħa jew fuq medja tul perjodu ta' impieg sa sena, huma inqas mis-sigħat normali ta' xogħol ta' impjegat *whole-time* komparabbli u li ma jkunx impjegat *whole-time* b'sigħat imnaqqsa, u "impjegat *whole-time*" tfisser impjegat li hu meqjus bħala impjegat *whole-time* skond xi kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg.

PARTI II

Applikazzjoni tal-Parti II.

9. Din il-Parti tal-Iskeda tapplika għall-impjegati f'każini.

Sigħat ta' xogħol.

10. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 11 u 12 ta' din l-Iskeda, l-anqas kumpens fil-ġimgħa għall-impjegati kollha *whole-time*, għandu jkun relattiv għal ġimgħa ta' mhux aktar minn:

(*a*) erbgħin siegħa fil-każ ta' ħaddiema minbarra għassiesa;

(*b*) sittin siegħa fil-każ ta' għassiesa.

L-anqas kumpens.
Emendat:
A.L. 97 tal-2017;
A.L. 383 tal-2017
A.L.104 tal-2019;
A.L.351 tal-2019;
A.L.469 tal-2020;
A.L.464 tal-2021;
A.L.335 tal-2022;
A.L.286 tal-2023;
A.L.341 tal-2024;
A.L.288 tal-2025.

11. (1) L-anqas kumpens fil-ġimgħa li jitħallas lill-impjegati *whole-time* f'każini (barra minn għassiesa), tal-età speċifikata fil-Kolonna 1 tat-Tabella ta' hawn taħt għandu jkun ir-rata xierqa murija fil-Kolonna 2 tagħha:

Kolonna 1 Età	Kolonna 2 rata fil-ġimgħa
Taħt is-17-il sena	€220.71
Ta' 17-il sena	€223.29
Ta' 18-il sena u aktar	€229.44

(2) L-anqas kumpens fil-ġimgħa li jitħallas lil għassiesa fil-każini jkun dan li ġej:

(*a*) dawk li xogħolhom huwa prinċipalment ġewwa €229.44;

(*b*) dawk li xogħolhom huwa prinċipalment barra ..... €231.77.

L-anqas rati ta' sahra.

12. L-impjegati kollha *whole-time* jkollhom dritt għal kumpens ta' sahra kif ġej:

(*a*) għall-ħin kollu li jinħadem, li jeċċedi sitt sigħat u tliet kwarti ..... ħin u nofs;

(*b*) għall-ħin kollu li jinħadem, li jeċċedi erbgħin siegħa f'kull ġimgħa, eskluż kull ħin li jitħallas bir-rata ta'

sahra ..... ħin u nofs;

(*ċ*) għall-ħin kollu li jinħadem fil-ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa ..... ħin doppju;

(*d*) fil-każ ta' għassiesa:

(i) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn għaxar sigħat f'kull ġurnata waħda ..... ħin u nofs;

(ii) għall-ħin kollu li jinħadem f'kull ġurnata ta' mistrieħ u vaganza tas-soltu ..... ħin doppju:

Iżda -

(i) id-Direttur jista' jawtorizza bil-miktub prinċipal biex iħallas sahra lil impjegat speċifikat jew grupp ta' mpjegati speċifikati dwar biss is-sigħat ta' xogħol li jeċċedu l-medja ta' erbgħin siegħa fil-ġimgħa kalkolati fuq dak in-numru ta' ġimgħat konsekuttivi kif id-Direttur jidhirlu xieraq, u f'dak il-każ id-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (*a*) ta' dan il-paragrafu ma japplikawx;

(ii) is-sigħat ta' xogħol relattivament għal impjegat wieħed li jagħmilha ta' *night porter* f'xi ġurnata fi stabbiliment wieħed għandhom jinkludu biss nofs il-ħin inkluż fil-perjodu ta' rqad.

Impjegati *part-time.*

13. "Impjegat *part-time*" tfisser impjegat li s-sigħat normali ta' xogħol tiegħu, kalkolati fuq bażi ta' ġimgħa jew fuq medja tul perjodu ta' impieg sa sena, huma inqas mis-sigħat normali ta' xogħol ta' impjegat *whole-time* komparabbli u li ma jkunx impjegat *whole-time* b'sigħat imnaqqsa, u "impjegat *whole-time*" tfisser impjegat li hu meqjus bħala impjegat *whole-time* skond xi kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg.

L-anqas kumpens għal impjegati *part-time.*

14. L-anqas rimunerazzjoni li għandha titħallas lill-impjegati *part-time* fil-kategoriji speċifikati fil-paragrafu 11 ta' din l-Iskeda għandha tkun *pro rata* ta' kull siegħa li tinħadem billi jiġi diviż l-ammont li jidher għal kull kategorija, bin-numru ta' sigħat fil-ġimgħa għall-kategorija relattiva.

Shift maqsum.

15. Dawk l-impjegati li jaħdmu b'sistema ta' *shift* maqsum ikunu ntitolati għal ħlas addizjonali ta' 50ċ għal kull ġurnata li jaħdmu b'din is-sistema.

PARTI III

Applikazzjoni tal-Parti III.

16. Din il-Parti tal-Iskeda tapplika għall-impjegati kollha fi ħwienet tal-kafè, *bars*, u ristoranti.

Tifsir.

17. F'din il-Parti tal-Iskeda kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtiegx xort'oħra -

"nofs ta' nhar" tfisser perjodu ta' tnax-il siegħa konsekuttivi li jispiċċaw fis-1.00 p.m. jew fis-1.00 a.m., ħlief fil-każ ta' ħwienet tax-xorb jew ristoranti fejn jispiċċa fis-2.00 p.m. jew fis-2.00 a.m. rispettivament;

"ristorant" tfisser stabbiliment fejn ikliet jiġu ippreparati fil-post

għall-konsum mill-parruċċani;

"impjegat *part-time*" tfisser impjegat li s-sigħat normali ta' xogħol tiegħu, kalkolati fuq bażi ta' ġimgħa jew fuq medja tul perjodu ta' impieg sa sena, huma inqas mis-sigħat normali ta' xogħol ta' impjegat *whole-time* komparabbli u li ma jkunx impjegat *whole-time* b'sigħat imnaqqsa;

"impjegat *whole-time*" tfisser impjegat li hu meqjus bħala impjegat *whole-time* skond xi kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg.

Ħinijiet tax-xogħol.

18. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 22 ta' din l-Iskeda, l-inqas rimunerazzjoni fil-ġimgħa, li titħallas lill-impjegati *whole-time*, barra minn għassiesa, għandha tkun relattiva għal ġimgħa ta' mhux iżjed minn erbgħin siegħa xogħol, u, fil-każ ta' għassiesa, għal ġimgħa ta' mhux iżjed minn sittin siegħa xogħol.

L-inqas rimunerazzjoni li titħallas lill-impjegati *whole-time.*
Emendat:
A.L. 97 tal-2017;
A.L.383 tal-2017;
A.L.104 tal-2019;
A.L.351 tal-2019;
A.L.469 tal-2020;
A.L.464 tal-2021;
A.L.335 tal-2022;
A.L.286 tal-2023;
A.L.341 tal-2024;
A.L.288 tal-2025.

19. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 18 ta' din l-Iskeda l-inqas rimunerazzjoni fil-ġimgħa li titħallas lill-impjegati *whole-time* tkun kif ġej:

(*a*) impjegati *whole-time* f'ristoranti, barra minn għassiesa, tal-età speċifikata fil-Kolonna 1 tat-Tabella li taħbat minnufih wara dan ikunu intitolati għar-rata xierqa ta' rimunerazzjoni murija fil-Kolonna 2 tagħha:

L-inqas Rimunerazzjoni

Impjegati *whole-time* f'ristoranti -

Kolonna 1	Kolonna 2
Ta' 16-il sena	€220.71
Ta' 17-il sena	€223.29
Ta' 18-il sena u fuqhom	€230.61:

Iżda l-prinċipal ikollu dritt li jnaqqas 23ċ mir-rata murija fil-Kolonna 2 tat-tabella ta' qabel għal kull ġurnata li fiha huwa bi ftehim mal-impjegat, jipprovdi ikla waħda prinċipali lill-impjegat;

(*b*) l-impjegati kollha *whole-time* barra minn għassiesa, jew impjegati f'ristoranti, li għalihom tapplika din l-Iskeda, tal-età speċifikata fil-Kolonna 1 tat-tabella li taħbat minnufih wara dan, ikunu intitolati għar-rata xierqa ta' rimunerazzjoni murija fil-Kolonna 2 tagħha:

L-inqas Rimunerazzjoni

Impjegati *whole-time* (barra minn għassiesa) fi stabbilimenti li ma humiex f'ristoranti:-

Kolonna 1	Kolonna 2
Ta' 16-il sena	€220.71
Ta' 17-il sena	€223.29
Ta' 18-il sena u fuqhom	€230.61:

(*ċ*) l-għassiesa għandhom jitħallsu kif ġej:

(i) għassiesa li x-xogħol tagħhom ikun prinċipalment ġewwa €230.61;

(ii) għassiesa li x-xogħol tagħhom ikun prinċipalment barra ..... €232.93.

L-inqas ħin ta' mistrieħ kull jum.

20. L-impjegati kollha *whole-time* jkollhom intervalli ta' mhux inqas minn siegħa b'kollox, għall-ikel u għall-mistrieħ kuljum.

L-inqas mistrieħ ta' kull ġimgħa.

21. L-impjegati kollha *whole-time* jingħataw ġurnata ta' mistrieħ f'kull perjodu ta' sebat ijiem konsekuttivi:

Iżda dan il-paragrafu ma japplikax dwar xi ġimgħa li fiha impjegat ikun impjegat f'nhar ta' Ħadd, jew f'vaganza tas-soltu u jitħallas b'ħin doppju skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 22 ta' din l-Iskeda.

L-inqas rati ta' sahra.

22. L-impjegati *whole-time* jkunu intitolati għal rimunerazzjoni ta' sahra kif ġej:

(*a*) għas-sigħat kollha ta' xogħol li jkunu iktar minn tmien sigħat f'kull ġurnata mit-Tnejn sas-Sibt ..... ħin u nofs;

(*b*) għas-sigħat kollha ta' xogħol fil-Ħdud u fil-vaganzi tas-soltu ..... ħin doppju;

(*ċ*) għas-sigħat kollha tax-xogħol f'kull ġimgħa kalendarja li jkunu iżjed min-numru ta' sigħat ta' xogħol li ma jkunux aktar minn erbgħin, stipulati fil-kuntratt tas-servizz, mhux magħdud f'dan in-numru -

(i) il-ħin kollu mħallas skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan il-paragrafu, u

(ii) in-numru ta' sigħat li matulhom impjegat ikun bil-vaganzi, *leave* għal mard jew nieqes minn fuq xogħol bla rimunerazzjoni b'massimu ta' seba' sigħat dwar kull ġurnata sħiħa ..... ħin u nofs:

Iżda d-Direttur tax-Xogħol jista' jawtorizza bil-miktub lill-prinċipal biex iħallas sahra lill-impjegati speċifikati jew lill-grupppi ta' mpjegati dwar is-sigħat ta' xogħol biss li jkunu iżjed minn ġimgħa medja tan-numru ta' sigħat ta' xogħol, li ma jkunux aktar minn erbgħin, stipulati fil-kuntratt tas-servizz, kalkolata fuq dak in-numru ta' ġimgħat konsekuttivi kif id-Direttur jidhirlu xieraq; u f'dak il-każ id-dispożizzjonijiet tal-partita (*a*) ta' dan il-paragrafu ma japplikawx;

(*d*) (i) għas-sigħat kollha ta' xogħol minn għassiesa li jkunu iżjed minn għaxar sigħat kull jum jew li jkunu iżjed minn sittin siegħa f'perjodu ta' sitt ijiem konsekuttivi ..... ħin u nofs;

(ii) għas-sigħat kollha ta' xogħol minn għassiesa fis-seba' jum (ġurnata ta' mistrieħ) ..... ħin doppju.

Leave għal mard.

23. (1) Wara li jagħmel l-ewwel sitt xhur ta' impieg, impjegat *whole-time* għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' ħmistax-il ġurnata *leave* għall-mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati *part-time* għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-*leave* għall-mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kkalkulat fuq bażi *pro rata*:

Kap. 318.

Iżda -

(*a*) l-ewwel tlett ijiem ta' kull talba għal-*leave* għall-mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(*b*) ċertifikat mediku li jkopri l-perjodu ta' l-assenza għandu jiġi ppreżentat lill-prinċipal fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk dak il-perjodu ta' assenza jaqbeż sebat ijiem, fi żmien sebat ijiem mill-bidu tal-assenza minħabba fil-leave għall-mard;

(*ċ*) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-iskop ta' kalkolu ta' ħlas għal-*leave* għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Kap. 318.

(2) Wara li jagħmel l-ewwel sitt xhur ta' impieg, impjegat *whole-time* għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' sitta u tletin ġurnata oħra *leave* għall-mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati *part-time* għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-*leave* għall-mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*:

Kap. 318.

Iżda -

(*a*) l-ewwel tlett ijiem ta' kull talba għal-*leave* għall-mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(*b*) ċertifikat mediku li jkopri l-perjodu tal-assenza għandu jiġi ppreżentat lill-prinċipal fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk dak il-perjodu ta' assenza jaqbeż sebat ijiem, fi żmien sebat ijiem mill-bidu tal-assenza minħabba fil-*leave* għall-mard;

(*ċ*) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-iskop ta' kalkolu ta' ħlas għal-*leave* għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għan-nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Kap. 318.

(3) Il-prinċipal jista' jitlob ċertifikat mediku maħruġ mit-tabib tiegħu li jiċċertifika inkapaċità għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza.

(4) Id-dritt ta' *leave* għall-mard mogħti bis-saħħa ta' dan il-paragrafu għandu jiġi kalkolat fuq il-bażi provduta għal *leave* annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. L.S. 452.87

PARTI IV

Applikazzjoni tal-Parti IV.

24. Din il-Parti tal-Iskeda tapplika għall-impjegati kollha f'lukandi, każini, *guest houses*, kumplessi għall-btala, villaġġi turistiċi u appartamenti għall-btala li jkollhom liċenza.

Tifsir.

25. F'din il-Parti tal-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"xogħol ta' manutenzjoni" tfisser dak ix-xogħol li għandu x'jaqsam mal-manutenzjoni u tħaddim ta' lukanda bħalma jsir normalment minn *fitters*, *plumbers*, mastrudaxxi, żebbiegħa, kaħħala, *electricians* u *handy-men*, u tinkludi kull xogħol magħmul f'*power house* jew *boiler room*;

"perjodu ta' mpieg" tfisser il-ħin f'kull ġurnata li matulu l-impjegati jkunu għad-dispożizzjoni tal-prinċipal, iżda inklużi l-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"perjodu ta' rqad" tfisser perjodu li ma jeċċedix sitt sigħat konsekuttivi stabbiliti mill-prinċipal, li matulhom impjegat *whole-time* li jagħmilha ta' *night porter* ikun provdut b'kumditàxierqa għall-irqad, ikun jista' jorqod, iżda jkun meħtieġ ukoll jagħti servizz kull tant;

"impjegat *part-time*" tfisser impjegat li s-sigħat normali ta' xogħol tiegħu, kalkolati fuq bażi ta' ġimgħa jew fuq medja ta' perjodu ta' impieg sa sena, huma inqas mis-sigħat normali ta' xogħol ta' impjegat *whole-time* komparabbli u li ma jkunx impjegat *whole-time* b'sigħat imnaqqsa;

"impjegat *whole-time*" tfisser impjegat li hu meqjus bħala impjegat *whole-time* skond xi kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg.

L-anqas ħin ta' mistrieħ fil-ġimgħa.

26. L-impjegati *whole-time* kollha għandu jkollhom ġurnata sħiħa vaganza f'kull ġimgħa bħala l-ġurnata tal-mistrieħ tal-ġimgħa.

Leave għal mard.

27. (1) Impjegat *whole-time* għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tmintax-il ġurnata *leave* għall-mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati *part-time* għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-*leave* għall-mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u dak l-ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*: Kap. 318.

Iżda -

(*a*) l-ewwel tlett ijiem ta' kull talba għal-*leave* għall-mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(*b*) ċertifikat mediku li jkopri l-perjodu tal-assenza għandu jiġi ppreżentat lill-prinċipal fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk dak il-perjodu ta' assenza jaqbeż sebat ijiem, fi żmien sebat ijiem mill-bidu tal-assenza minħabba fil-*leave* għall-mard;

(*ċ*) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-iskop ta' kalkolu ta' ħlas għal-*leave* għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Kap. 318.

(2) Impjegati *whole-time* li jaħdmu għal anqas minn sena jkunu intitolati għal-*leave* għall-mard bi ħlas fi proporzjon tan-numru ta' xhur fl-impieg.

(3) Il-prinċipal jista' jitlob ċertifikat mediku maħruġ mit-tabib tiegħu li jiċċertifika inkapaċità għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza.

(4) Id-dritt ta' *leave* għall-mard mogħti bis-saħħa ta' dan il-paragrafu għandu jiġi kalkolat fuq il-bażi provduta għal-*leave* annwali kif speċifikat fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

L.S. 452.87

Ħin tax-xogħol.

28. Impjegat ikollu dritt għall-ħlas tal-inqas rimunerazzjoni li tkun tgħodd għalih għall-ħin kollu li matulu jkun qiegħed fl-imkien tal-prinċipal tiegħu jew f'kull imkien ieħor li għandu x'jaqsam mal-impieg tiegħu ħlief jekk ikun qiegħed hemm f'xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(*a*) mingħajr il-kunsens tal-prinċipal, espress jew taċitu;

(*b*) għal xi għan li ma għandux x'jaqsam max-xogħol tiegħu u li ma jkunx wieħed ta' stennija għal xogħol biex jinħadem;

(*ċ*) biss minħabba fil-fatt li jkun residenti f'dak l-imkiem;

(*d*) matul kull waqfien rikonoxxut għal ikliet u mistrieħ, u ma jkunx qiegħed jistenna li jingħata xogħol biex jinħadem.

PARTI V

Applikazzjoni tal-Parti V.

29. Din il-Parti tal-Iskeda tapplika għall-impjegati kollha f'lukandi, każini, *guest houses*, kumplessi għall-btala, villaġġi turistiċi u appartamenti għall-btala li jkollhom liċenza, ħwienet tal-kafè, *bars* u ristoranti.

Tifsir.

30. F'din il-Parti tal-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"vaganzi tas-soltu" tfisser il-ġranet (barra mill-Ħdud) dikjarati għal dak iż-żmien bħala btajjel pubbliċi bi jew taħt l-Att dwar il-

Kap. 252.

Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra;

"sigħat ta' xogħol" tfisser il-ħin f'kull ġurnata li matulu l-impjegati jkunu għad-dispożizzjoni tal-prinċipal, barra mill-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"ikla prinċipali" tfisser ikla ta' nofs in-nhar jew ikla ta' filgħaxija u kolazzjon jew tè;

"ħin u nofs" u "ħin doppju" jfissru rispettivament darba u nofs u d-doppju tar-rata attwali li tapplika għall-impjegat bħal li kieku ebda ikliet, fejn dan jgħodd, ma ġew provduti;

"pagi" tfisser il-ħlas jew qligħ li jitħallas bi flus minn prinċipal lil impjegat;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa" tfisser perjodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa konsekuttivi li jibdew mill-ħin li fih l-impjegat normalment jibda x-xogħol tiegħu.

Vaganzi.

31. (1) Minbarra l-inqas ħin ta' mistrieħ fil-ġimgħa li għalih impjegati *whole-time* ikunu intitolati, impjegati *whole-time* ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-btajjel pubbliċi kollha b'paga sħiħa, u għall-vaganzi li ġejjin li ma għandhomx ikunu inqas minn -

(*a*) erba' ġimgħat ta' xogħol u jum ta' xogħol matul kull waħda mis-snin kalendarji 1988 u 1989;

(*b*) erba' ġimgħat ta' xogħol u jumejn ta' xogħol matul is-sena kalendarja 1990;

(*ċ*) erba' ġimgħat ta' xogħol u tliet ijiem ta' xogħol matul is-sena kalendarja 1991; u

(*d*) erba' ġimgħat ta' xogħol u erbat ijiem ta' xogħol matul is-sena kalendarja 1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara:

Iżda meta impjegat *whole-time* ikun impjegat għal inqas minn tnax-il xahar matul xi sena kalendarja, huwa jkun intitolat għal dik il-parti tal-vaganzi msemmija li tkun fi proporzjon man-numru ta' xhur li jkun ilu fl-impieg.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vaganzi" tfisser vaganzi bil-ħlas li jistgħu jittieħdu fi ġranet miftehmin bejn il-prinċipal u l-impjegat, iżda ġurnata vaganza matul kull waħda mis-snin kalendarji 1988 u 1989, jumejn vaganzi matul l-1990, tliet ijiem vaganzi matul l-1991, u erbat ijiem vaganzi matul l-1992, u matul kull sena kalendarja li tiġi wara ma għandhomx jiffurmaw parti minn xi *shutdown* u għandhom jingħataw mill-prinċipal bħala *leave* li jittieħed b'għażla b'żieda ma' kull *leave* li jittieħed b'għażla li l-impjegat seta' kien intitolat għalih fid-9 ta' Novembru, 1988.

Leave għal luttu.

32. L-impjegati *whole-time* ikollhom jumejn *leave* bi ħlas fil-każ tal-mewt ta' xi wieħed jew waħda minn dawn il-qraba li ġejjin: il-mara, ir-raġel, l-omm, il-missier, (jew il-persuna li f'dak iż-żmien kienet fil-fatt qegħda tagħmilha bħala omm jew missier l-impjegat), iben, bint, u ħu jew oħt l-impjegat.

Leave speċjali.

33. Impjegat *whole-time* ikollu tliet ijiem *leave* bil-paga fl-

okkażjoni taż-żwieġ tiegħu jew tagħha, u ġurnata *leave* fl-okkażjoni tat-twelid ta' tarbija lil mart l-impjegat.

Leave għal korriment.

34. Impjegat *whole-time* ikun intitolat għal sa sena *leave* b'paga sħiħa f'każ ta' korriment nieqes l-ammont kollu ta' kull benefiċċju għal korriment li jista' jkun intitolat għalih skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, jekk huwa jkorri waqt il-qadi attwali ta' dmirijietu u mhux bi traskuraġni min-naħa tiegħu jew bi ksur tar-regoli ta' ħarsien mill-periklu stabbiliti mill-*management*.

Kap. 318.

Leave għal ġurati.

35. Impjegati *whole-time* li jiġu msejħa biex iservu ta' ġurati jkollhom *leave* għall-ħin kollu li jkun meħtieġ b'paga sħiħa sabiex ikunu jistgħu jattendu dak is-servizz fil-Qorti.

Tips.

36. Ir-rati minimi preskritti b'dan l-Ordni ma għandhom f'ebda każ jinkludu xi *tips* maqlugħa mill-impjegati fil-kors tax-xogħol tagħhom.

Età ta' rtirar mix-xogħol.

37. F'każi fejn impjegat raġel huwa mistenni li jirtira mix-xogħol fl-età ta' sittin sena, impjegat bħal dan għandu jingħata l-opportunità minn min iħaddmu biex jibqa' fl-impieg tiegħu 'l fuq minn din l-età u tal-anqas sakemm jilħaq l-età ta' wieħed u sittin sena, iżda l-impjegat konċernat xorta għandu jitħalla, jekk huwa jkun irid, li jirtira fl-età ta' sittin sena.

NOTA TA' TIFSIR

(Din in-nota mhix parti mill-Ordni iżda hija maħsuba biex turi l-appikabilità tiegħu).

Id-dispożizzjonijiet fl-Iskeda ta' hawn fuq japplikaw għall-persuni kollha impjegati f'lukandi, *guest houses*, kumplessi għall-btala jew villaġġi turistiċi, appartamenti għall-btala li jkollhom liċenza, każini, ħwienet tal-kafè, *bars* u ristoranti.

Lukandi jinkludu kull *bar*, ristorant, jew ħanut immexxi direttament mill-*management* ta' lukanda bħala parti mill-lukanda.

Każini jinkludu kull *bar*, ristorant jew ħanut sew jekk immexxi direttament mill-*management* ta' każin, jew jekk mogħti b'kuntratt, sabiex jiżdiedu l-amenitajiet tal-każin.

Il-frażijiet "*guest houses*", "kumplessi għall-btala jew villaġġi turistiċi", u "appartamenti għall-vaganzi li jkollhom liċenza" għandhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom bl-Att dwar is-Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta.